DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ġunju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4170)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/354/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar il-miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri [3] tistipula ċerti miżuri ta' kontroll għad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew reġjuni tagħhom stipulati fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni.

(2) L-Anness mad-Deċiżjoni 2008/855/KE hu magħmul minn tliet partijiet, skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika fiż-żoni elenkati fih. Il-Partijiet I u II ta' dak l-Anness jelenkaw iż-żoni fl-Istati Membri fejn is-sitwazzjoni epidemjoloġika fir-rigward tal-ħnieżer selvaġġi hija meqjusa bħala l-aktar favorevoli.

(3) Għalkemm il-ħnieżer selvaġġi huma inklużi fl-ambitu tad-Deċiżjoni 2008/855/KE, il-miżuri ta' kontroll stipulati f'dik id-Deċiżjoni huma primarjament immirati għall-ħnieżer tal-irziezet u l-prodotti li ġejjin minnhom.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/106/KE [4] tistipula l-proċeduri dijanjostiċi, metodi ta' teħid ta' kampjuni u kriterji għall-valutazzjoni tat-testijiet li jkunu saru fil-laboratorju biex jiġi kkonfermat jekk hemmx deni klassiku tal-ħnieżer.

(5) Sabiex ikun hemm kontroll aħjar tat-tixrid tad-deni klassiku tal-ħnieżer, huwa xieraq li jiġu stipulati ċerti miżuri ta' kontroll dwar is-saħħa tal-annimali li jkollhom bħala mira l-popolazzjoni tal-ħnieżer selvaġġi li qegħdin jintlaqtu b'dik il-marda. B'mod partikolari, għandha tiġi stabbilita projbizzjoni dwar il-bgħit ta' kunsinni ta' ħnieżer selvaġġi ħajjin u ta' laħam frisk, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan miż-żoni elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/855/KE.

(6) Madankollu huwa xieraq li jkun permess li kunsinni ta' laħam frisk ta' ħnieżer selvaġġi, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan jintbagħtu minn dawk iż-żoni għal żoni oħra li mhumiex elenkati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2008/855/KE, kemm-il darba jitwettqu testijiet viroloġiċi b'konformità mad-Deċiżjoni 2002/106/KE, ir-riżultati ta' dawk it-testijiet ikunu negattivi u l-awtorità veterinarja kompetenti tal-post ta' destinazzjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha minn qabel.

(7) Id-Deċiżjoni 2008/855/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 8a li ġej qed jiddaħħal fid-Deċiżjoni 2008/855/KE:

"L-Artikolu 8b

Miżuri marbuta ma' ħnieżer selvaġġi ħajjin, laħam frisk, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam li ġej mill-ħnieżer selvaġġi

1. L-Istati Membri kkonċernati biż-żoni elenkati fl-Anness għandhom jiżguraw li:

(a) l-ebda ħnieżer selvaġġi ħajjin miż-żoni elenkati fl-Anness ma jintbagħtu fi Stati Membri oħra jew f'żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru;

[1] ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
[2] ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
[3] ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19.
[4] ĠU L 39, 9.2.2002, p. 71.

(b) ma jintbagħtu l-ebda kunsinni ta' laħam frisk tal-ħnieżer selvaġġi, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan miż-żoni elenkati fl-Anness lil Stati Membri oħra jew lil żoni oħra fit-territorju tal-istess Stat Membru.

2. B'deroga mill-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati biż-żoni elenkati fil-Partijiet I u II tal-Anness jistgħu jawtorizzaw il-bgħit ta' kunsinni tal-laħam frisk tal-ħnieżer selvaġġi, preparazzjonijiet tal-laħam u prodotti tal-laħam li fihom jew jikkonsistu f'laħam bħal dan minn dawk iż-żoni għal żoni oħra li mhumiex elenkati fl-Anness, kemm-il darba:

(a) il-ħnieżer ikunu ġew ittestjati u jirriżulta li ma għandhomx deni klassiku tal-ħnieżer skont kull proċedura ta' dijanjożi deskritta fil-Parti A(1), Parti B jew Parti C tal-Kapitolu VI tal-Anness mad-Deċiżjoni 2002/106/KE;

(b) l-awtorità kompetenti tal-post ta' destinazzjoni tagħti l-approvazzjoni tagħha minn qabel."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-25 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni